MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Numru. 2/2001

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Diego Agius

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Diego Agius, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 336177(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-13 ta’ Marzu, 2000 ghall-habta tad-9.00a.m. fil-Hamrun ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Supertech u par speakers tal-marka Majestic li jiswew aktar minn mitt lira (LM100) ghad-detriment ta’ Audrey Sammut mill-Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur. Dan bi ksur ta’ l-artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin u cirkustanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu

minnha specifikat. Dan bi ksur ta' l-artiklu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-1 ta'April 2000 u fil-gimghat ta' wara f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel uzu minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAI053 minghajr ma kienet licenzjata ghat-triq (licenza mhux imgedda) u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ghal terzi;

B'Hekk hu jitqies li sar recidiv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie ikkundannat ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati li saru defenittivi;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2003.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2003 minn fejn irrizulta li Dr Herrera ghall-imputat ghadda s-somma ta' sittin lira lill-Ufficjal Prosekutur rapprezentanti il-valur ta' l-istereo misruq u dana sabiex l-istess flus jghaddu minghand l-Ufficjal Prosekutur ghand id-derubat.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi gie dikjarat illi l-imputat illum il-gurnata ghandu xoghol fis.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet kollha u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 49, 50, 17, 261 (c), 267, 278, 293, 31 tal-Kap. 9, l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 u l-Artikoli 22 A u 3 tal-Kap. 205 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat iddikjara li iddispjacih ta' dak illi gara u illi gie ippruvat ukoll ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-imputat illum il-gurnata jidher li biddel hajtu u qabad it-triq it-tajba, ghandu xoghol fis u ghalhekk il-Qorti tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat ikompli miexi fit-triq it-tajba illi jidher illi qabad. Ma dana kollu jehtieg illi l-imputat jinzamm taht supervizzjoni sabiex jigi assigurat kemm jista jkun possibli li jibqa miexi fit-triq it-tajba.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 filwaqt li tikkundanna lill-imputat misjub hati kif diga intqal ghal prigunerija ta' tmintax il-xahar, tordna li din il-prigunerija ma tibdiex isehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett snin mil-lum l-imputat ma jikkommettix reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 G tal-Kap 9 u qeghda taghmel ordni ta' supervizjoni li permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal Sorveljanti ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti fehmet lill-hati bi kliem car illi matul dan il-perjodu ta' tlett snin mil-lum huwa ghandu joqghod taht is-sorveljanza ta' l-Ufficjal tal-Probation illi ghandu jigi mahtur mid-Direttur Responsabbli ghas-Servizzi ta' Probation u ghandu jobdi l-istruzzjonijiet kollha li jaghtih

dan l-Ufficjal u ghandu jinnotifikah ukoll jekk huwa jibdel l-indirizz tad-dar tieghu.

Il-Qorti qeghda tahtar lil Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon sabiex tkun l-Ufficjal Sorveljanti f'dan il-kaz u tiddikjara illi qeghda tinnotifika lill-imsemmija Marietta Lanzon b'kopja ta' din l-ordni ta' supervizjoni minnufih.

Finalment il-Qorti tikkundanna wkoll lill-hati ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira (LM 250) u tordna illi jkun skwalifikat milli jkollu jew izomm licenzja ta' sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------